MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2011

Numru 1209/2008

PULIZIJA
SPETTUR CARLOS CORDINA
VS
BERTRAM ZAHRA
LUKE PSAILA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba konta l-imputati Luke Psaila ta’ 21 sena, bin il-mejjet John u Alberta nee’ Zarb, residenti Blk. 1, Flt. 3, Qasam ta’ Ganza, Zejtun, imwieled Pieta’ fis-17 ta’ Settembru 1987, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 422187(M).

U

Bertram Zahra ta’ 18 –il sena, bin Joe u Lilian nee’ Spiteri, residenti 12, Sqaq San Adeodatu, Zejtun, imwieled Pieta’ fl-14 ta’ Lulju, 1987, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 340390 (M).

Billi huma akkuzati talli fil-jum tat-Tnej, 20 ta' Ottubru 2008 gewwa z-Zejtun:

1. ikkommettew serq ta' microwave, toaster u apparat iehor eletroniku min gewwa l-fond numru 17, Sqaq San Adeodatu, Zejtun, ghad-detriment ta' Carmena Varrazzo ID: 544187 (M) miz-Zejtun, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa; u dan bi ksur tal-artikolu 261(b)(c)(g), 267 u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fl-istess fond numru numru 17, Sqaq San Adeodatu, Zejtun, liema hsara ma tiskorrix is-somma ta' mija u sittax Euro (Euro 116); u dan bi ksur tal-artikolu 325(1)(c) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtraw jew laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk san sar Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkunu ndahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;
4. Ukoll talli Bertram Zahra, nhar l-20 ta' Ottubru 2008, gewwa z-Zejtun u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, Magt. Dr. J. Padovani Grima LL.D fid-digriet taghha li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija. Ghaldaqstnat, il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imputat kif ukoll tarresta mill-gdid lill-imputati u dan bi ksur tal-artikolu 579 (2), (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Talli fl-istess cirkostanzi kiser il-kundizjonijiet moghtija lilu b'sentenzi tal-Qorti Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghu jigu mibdula;
6. U fl-ahhar nett talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi li saru definittivi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-Kunsens tal-Avukat Genrali, (pagna 9) u dak tal-imputati (ara fol 4 u 5) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkonsidrat:

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Carlos Cordina jirrizulta illi l-pulizija kienet irceviet informazzjoni illi kienu raw liz-zewg imputati hergin mill-fond 17, Sqaq San Adeodato, Zejtun fid-data indikata fl-akkuza. L-imputati gew arrestati u waqt l-istqarrija taghhom ammettew l-involviment taghhom f'din is-serqa u cioe' s-serqa ta' xi oggetti minn gewwa dan il-fond.

L-istqarriji ta' l-imputati gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. CC 5 u Dok. CC 6 li jinsabu a fol 27 u fol 30 rispettivament. Fl-istqarrija tieghu Luke Psaila ammetta illi dahal fil-post indikat fic-citazzjoni u flimkien mal-ko imputat l-iehor u serqu toaster u microwave.

Bl-istess maniera, l-imputat Bertram Zahra fl-istqarrija tieghu ammetta li kien dahal f'dan il-fond in kwistjoni u seraq microwave u toaster, kaxxa ta' l-ghodda sewda u ohra tool box trasparenti u rutella tal-cable tad-dawl.

PS Edward Grech ikkonferma illi kien ircieva rapport fuq serq u kien mar fuq il-post minnufih. Huwa xehed li certu Etienne Borg infurmah illi kien sema' hsejjes emmanenti minn numru 17 u numru 16, Sqaq San Adeodato, habbat fuq numru 16 u hargu z-zewg imputati li kien jafhom bhala t-tifel tac-Cavett u t-tifel tal-Pupa – ara xhieda a fol 33.

Fil-fond numru 16, huwa sab kartiera bil-karta ta' l-identita' ta' Bertram Zahra waqt li fuq il-bejt huwa sab l-oggetti kollha msemmija minn Bertram Zahra fl-istqarrija tieghu, cioe' r-respurtiva.

L-Ispettur Cordina ikkonferma li l-fond numru 17 kien propjeta ta’ koppja Germaniza, illi kien kellem lil certu Omar Varuzzo u li kien ikkonfermalu illi l-appliances misruqa kienu hargu mill-fond numru 17. L-okkorrenza giet esebita u mmarkata bhala Dok. PS.

L-imputati ammettew l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u dana fil-Verbal ta’ l-ghoxrin ta’ Jannar elfejn u ghaxra u kkonfermaw l-istess ammissjoni wara li gew akkordati zmien ragonevoli ghal ripensament.

Ikkonsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni taghhom u tenut kont tax-xhieda sgaccjanti tal-Prosekuzzjoni, l-Qorti ssib l-imputati hajta skond l-akkuzi ghajr ghat-tielet akkuza illi hija alternattiva ghal dik ta’ serq li minnha tilliberhom u wara li rat l-Art. 261(b)(c)(g), 267, 271, 279, 280, 325(1)(c), 579(2)(3), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Art. 7 u Art. 23 tal-Kap. 446, tqieghed lil Luke Psaila taht probation order ghall-perjodu ta’ sentejn taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat waqt li fil-konfront ta’ Bertram Zahra tikkundannah ghall-perjodu ta’ prigunerija ta’ 10 xhur. Din il-piena qed tigi akkordata lil Psaila stante illi huwa *a first offender*, in vista’ ta’ l-ammissjoni bikrija tieghu u l-eta govanili tieghu u l-fatt illi jisthoqlu jinaghta opportunita sabiex jirrejabilita ruhu u dana anke in vista tal-fatt illi huwa diga ilu stradat fi programm ta’ rijabilitazzjoni kontra d-droga mal-Caritas; l-istess pero’ ma jistax jinghad ghal Bertram Zahra illi nghata diversi opportunita’ minn diversi Qrati inkluzi din kif preseduta, liema opportunitajiet l-imputat qishom bhala licenzja sabiex ikompli jisraq.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------